8 ta' Marzu, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Capt. Arthur Podestà

**Traffiku — Liċenza tas-Sewqan — Sospensjoni — Kummissarju tal-Pulizija — Prova — Appell — Art. 17 (a) tal-Kap. 105.**

*F'kawża dwar ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku, fejn tista' tiġi ordnata s-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan, il-Qorti ma tistax tordna dik is-sospensjoni jekk ma tkunx saret talba għal hekk mill-Kummissarju tal-Pulizija. U dik it-talba tista' ssir biss mill-Kummissarju personalment, u mhux mill-Pulizija in ġenere. Ħadd ħliefu ma jista' jagħmel dik it-talba.*

*Dik it-talba l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jagħmilha anki bil-miktub bil-firma tiegħu; imma f'dan il-każ teħtieġ il-konferma fil-Qorti, jew almenu l-prova, għas-soddisfazzjoni tal-Qorti, ta' l-awtentiċità tal-firma u tar-realtà tat-talba ta' dak l-uffiċjal.*

*Dik it-talba l-Kummissarju jista' jagħmilha anki wara l-kundanna; għaldaqstant ma hix tardiva dik it-talba jekk tkun saret b'rikors wara li l-kawża tkun ġiet differita għas-sentenza, u f'dak ir-rikors il-Kummissarju tal-Pulizija jkun offra li, għall-bżonn, anki jidher personalment u hu stess quddiem il-Qorti biex jikkonferma t-talba.*

*Jekk il-Maġistrat jaqta' l-kawża u fis-sentenza ma jordnax is-sospensjoni tal-liċenza, u dik is-sentenza tiġi appellata mill-Attorney Ge-*

*neral limitatament ghan-nuqqas ta' ordni ta' dik is-sospensjoni, il-Kummissarju, li jkun ghamel dak ir-rikors, huwa ammess fis-sede ta' l-appell biex jaghmel il-prova li t-talba ghas-sospensjoni tal-liċenza kienet saret minnu*

Fuq l-akkuża kontra l-imputat talli fil-21 ta' Settembru 1951, għal xi s-6.45 p.m., saq motor car numru 5593 minn Tower Road, Sliema, u bnadi oħra, b'ġiri aktar milli jmissu, b'manjiera perikoluża u mingħajr dawl, naqas li jwaqqaf meta kien ordnat mill-Pulizija, u nsulta lis-Surġent Maġġur R.H. Gray waqt li kien fid-dmirijiet tiegħu, u fuq it-talba għas-sospensjoni tal-liċenzi tas-sewqan kollha ta' l-imputat, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tal-21 ta' Diċembru 1951, sabet lill-imputat ħati talli saq bi speed eċċessiv u b'manjera perikoluża, u kkundannati għall-multa ta' £5; sabitu ħati talli saq bla dawl, u kkundannatu għall-ammenda ta' £1; ħati talli naqas li jwaqqaf meta ġie ordnat mill-Pulizija, u kkundannatu għall-ammenda ta' 10s.; u fl-aħħarnett ħati talli insolenta lis-Surġent Maġġur Gray waqt li dana kien jaqdi dmiru, u kkundannatu għall-ammenda ta' £1; u laqgħet l-eċċezzjoni tad-difiża għal dak li jirrigwarda t-talba għas-sospensjoni tal-liċenzi tas-sewqan kollha ta' l-imputat, u għalhekk ċaħdet it-talba tal-Prosekużzjoni intiża għal dik is-sospensjoni;

L-Attorney General appella kontra dik is-sentenza limitatament għaċ-ċaħda tat-talba tal-Prosekuzzjoni għas-sospensjoni tal-liċenzi kollha tas-sewqan ta' l-imputat;

Il-Qorti rat l-attijiet kollha tal-kawża, u semgħet sew l-Avukat tal-Kuruna kemm l-avukat ta' l-imputat;

L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba għas-sospensjoni tal-liċenzi tas-sewqan ta' l-imputat għax irriteniet li t-talba, skond il-liġi, kellha ssir mill-Kummissarju tal-Pulizija stess, fil-waqt li ma kienetx saret il-prova li kien il-Kummissarju personalment li kien talab is-sospensjoni, u għalhekk kien jonqos element neċessarju għall-applikazzjoni tas-sospensjoni tal-liċenzi fir-rigward ta' l-imputat;

L-art. 17 (a) tal-Kap. 105 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li "wara kundanna għal reat kontra dawn ir-Regolamenti, il-Qorti, fuq talba tal-Kummissarju tal-Pulizija, għandha tissospendi l-liċenza tal-kontravventur, jew tal-motor car li huwa

kien isuq fil-ħin tal-kontravvenzjoni, għal mhux anqas minn tmint ijiem u mhux iżjed minn tliet xhur; iżda jekk ir-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' motor car b'mod perikoluż għall-publiku, jew fil-ħin li l-ħati kien xurban, il-liċenza għandha tiġi sospiża għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur u mhux iżjed minn sena";

F'dana l-artikolu l-liġi tagħti s-setgħa mhux lill-Pulizija "in genere", iżda lill-Kummissarju personalment, li jitlob is-sospensjoni; u mingħajr it-talba tal-Kummissarju l-Qorti ma tistax tordna dik is-sospensjoni. Fl-ebda parti tal-liġi ma jingħad li għall-finijiet ta' dak l-artikolu l-Kummissarju jista' jkun rappreżentat minn uffiċjal ieħor tal-Pulizija, u ebda dispożizzjoni ma hemm fl-Ordinanza dwar il-Pulizija (Kap. 35 tal-Liġijiet) li tagħti lill-Kummissarju s-setgħa li jiddelega s-setgħat tiegħu speċjali lill-uffiċjali subalterni taħt il-kmand tiegħu. U ladarba l-liġi, b'dispożizzjoni speċjali, espressament tagħti s-setgħa li jitlob is-sospensjoni tal-liċenzi lill-Kummissarju, ħadd ħliefu ma jista' jagħmel dik it-talba;

Fil-każ ta' l-imputat ma jistax jingħad li dik it-talba ma saretx, għax ġurnata qabel is-sentenza l-Kummissarju tal-Pulizija ppreżenta rikors li bih talab preċiżament is-sospensjoni tal-liċenzi tas-sewqan ta' l-imputat, u offra li, jekk kien hemm bżonn, jidher personalment hu stess il-Qorti. Huwa veru li allura t-trattazzjoni tal-kawża kienet magħluqa għax il-kawża kienet ġiet imħollija għas-sentenza; iżda b'daqshekk it-talba tal-Kummissarju ma kienetx tardiva, għax il-liġi stess tagħti lill-Kummissarju s-setgħa li jitlob is-sospensjoni "wara l-kundanna", u skond it-test Ingliż tal-liġi "on conviction"; u għalhekk il-Kummissarju kien ċertament fit-terminu meta ressaq talba formali b'rikors ġurnata qabel is-sentenza; u l-Qorti ma kienetx ġustifikata tiċħadlu t-talba, iżda messha ammettiet it-talba, u jekk dehrilha li għandha bżonn tal-preżenza tal-Kummissarju personalment, jew il-konferma ġuramentata tad-dokument, messha pprovdiet f'dak is-sens:

Fil-fehma tal-Qorti, it-talba tista' ssir mill-Kummissarju bil-miktub bil-firma tiegħu: iżda f'dak il-każ teħtieġ il-konferma minnu fil-Qorti, jew almenu l-prova, għas-sodisfazzjon

tal-Qorti, ta' l-awtenticità tal-firma u tar-realtà tat-talba tal-Kummissarju, sabiex l-imputat ikun jista' jikkontrolla l-prova miġjuba kontra tiegħu, u, jekk ikun il-każ, jikkumbattiha;

Fil-każ preżenti, dik il-prova kienet ġiet offerta, għax il-Kummissarju fir-rikors kien *offra* li jattendi apposta quddiem il-Qorti kemm-il darba l-Qorti jidhrilha hekk;

Għaldaqstant il-Qorti tipprovdi billi tiddikjara ammissibili t-talba magħmula mill-Kummissarju qabel is-sentenza appellata u quddiem l-Ewwel Qorti, u tammettih jikkonfermaha quddiem il-Qorti.